Story Changers: It-Titjib fil-Ħiliet Soċjali tal-Istudenti u l-Metodi ta' Tagħlim permezz tar-Rakkont tal-Istejjer u r-Realtà Virtwali

| | |
|---|---|
| **Output intellettwali:** | **IO2** |
| **Titlu tal-Output Intellettwali:** | **Ħolqien tal-Istejjer "You Tell" u l-Gwida Rilevanti** |
| **Attività:** | **A6** |
| **Titlu tal-Attività:** | **Ħolqien ta' Gwida għall-Użu tal-Istejjer "You Tell"** |
| **Sieħeb:** | **MMC** |

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

L-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jikkostitwixxix approvazzjoni tal-kontenut, li jirrifletti biss il-fehmiet tal-awturi, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha.

## Ikkoordinat minn

Mediterranean Management Centre

## Sħab

Skola Primarja Apostolos Varnavas

**Programm:** Erasmus +

**Azzjoni Ewlenija:** Koperazzjoni għall-innovazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajbin

**Titlu tal-Proġett:** Story Changers: it-titjib fil-ħiliet soċjali tal-istudenti u l-arrikkiment tal-metodi ta' tagħlim permezz tar-rakkont tal-istejjer u tar-realtà virtwali

**Akronimu tal-Proġett**: Story Changers

**Numru tal-Ftehim tal-Proġett:** 2020–1-CY01-KA201–066072

**Data tal-Bidu tal-Proġett:** 01/12/2020

**Data tat-Tmiem tal-Proġett:** 30/06/2023

# Werrej

Gwida għall-Użu tal-Istejjer "You Tell" ... 4
A. Introduzzjoni ... 4
Temi tal-Istejjer "You Tell" ... 4
Għamla tal-Istejjer "You Tell" ... 4
Ir-raġunament wara l-Istejjer "You Tell" ... 5
B. L-10 Stejjer "You Tell" ... 5
1. Id-Dizzjunarju tal-Biża' ... 7
2. Il-Vjaġġ tal-Annimali ... 8
3. M'hemmx li tiddi fuqhom kollha: Il-Misteru tal-Qamar Nieqes ... 10
4. Il-gżira tal-granċijiet ħomor ... 11
5. Kika u Rixaħamra ... 12
6. "L-aktar firefly luminuża" — Storja dwar il-valur tar-rispett ... 13
7. "Kif nista' ngħidlek le lilek?" — Storja dwar il-valur li jkollok limiti ... 14
8. Rospo ... 15
9. Logħob dwar il-Ħajja u d-Dinja ... 16
10. Is-Siġra tal-Ħarrub ... 17
C. Kif jintużaw l-Istejjer "You Tell" ... 18
I. Kif għandhom jinqraw l-istejjer ... 18
II. Mumenti ta' deċiżjoni ... 18
III. Eżempji tal-attivitajiet fejn jintużaw l-istejjer ... 18

# Lista ta’ Tabelli u Figuri

Tabella 1: Lista tal-Istejjer “You Tell” .......... 5

# Gwida għall-Użu tal-Istejjer "You Tell"

## A. Introduzzjoni

Is-sett ta' 10 stejjer "You Tell" huwa l-għodda ewlenija ta' taħriġ li ġiet żviluppata fil-qafas tal-proġett Story Changers sabiex tintuża mill-għalliema tal-iskejjel primarji fl-avvenimenti ta' taħriġ esperimentali għall-istudenti bl-isem "Change the story" li se jsiru fil-pajjiżi tal-konsorzju (Ċipru, il-Greċja, Spanja, Malta, Franza) fil-parti finali tal-proġett. L-istejjer huma disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-proġett — u se jibqgħu hemm anke wara t-tmiem tal-proġett — u b'hekk jistgħu jintużaw bħala għodod innovattivi li jistgħu jiġu integrati fit-tagħlim formali/informali/mhux formali minn kwalunkwe għalliem jew kwalunkwe parti interessata oħra. Sabiex l-istejjer "You Tell" isiru aktar attraenti u tkun aktar faċli jintużaw mill-għalliema u l-istudenti, is-sħab tal-proġett iddeċidew li jżidu l-illustrazzjonijiet mal-istejjer biex jagħmlu minnhom ktejjeb ikkulurit.

## Temi tal-Istejjer "You Tell"

Peress li l-għan ewlieni tal-istejjer "You Tell" huwa li jgħinu lill-istudenti tal-iskola primarja jiżviluppaw ħiliet soċjali bażiċi u jikkultivaw ċerti valuri soċjali u etiċi, l-istejjer kollha jduru madwar jew jindirizzaw wieħed jew aktar mit-temi li ġejjin:

- Diversità
- Reżiljenza
- Ħbiberija
- Rispett
- Limiti

## Għamla tal-Istejjer "You Tell"

L-istejjer "You Tell" huma stejjer miftuħa għad-deċiżjonijiet tal-qarrej, jiġifieri, jinkludu ċerti "mumenti ta' deċiżjoni", fejn il-qarrej jintalab jiddeċiedi bejn żewġ verżjonijiet differenti (jew aktar) tal-plott jew reazzjonijiet tal-eroj fejn jiġi ggwidat lejn paġna partikolari skont l-għażla tiegħu.

L-istejjer "You Tell" huma twal bejn 20 u 35 paġna li jinkludu l-fergħat kollha tal-plott, u b'hekk l-istorja li ma' kull mument ta' deċiżjoni ssegwi biss fergħa waħda tal-plott, iddum tinqara bejn 20 u 30 minuta.

# Ir-raġunament wara l-Istejjer "You Tell"

Kemm is-suġġett kif ukoll l-għamla tal-istejjer "You Tell" intgħażlu bħala l-aktar xierqa għall-iżvilupp tal-ħiliet u l-valuri soċjali tal-istudenti. B'mod aktar speċifiku, fl-istejjer miftuħa għad-deċiżjonijiet, il-qarrej jiżen il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' deċiżjoni partikolari, jeżamina s-sitwazzjoni li seħħet fl-istorja, jivvaluta l-impatt tad-deċiżjoni tiegħu/tagħha, jieħu deċiżjoni u jimxi magħha, u b'hekk isir l-eroj tal-istorja. It-testi mhux lineari jinfluwenzaw pożittivament il-proċess tal-maturazzjoni tal-qarrejja żgħażagħ, peress li dawn tal-aħħar għandhom l-opportunità li jinteraġixxu mal-istorja billi jiddependu fuq il-perspettivi tagħhom stess, filwaqt li huma mistiedna jħaddmu l-ħsieb kritiku, il-kreattività u l-immaġinazzjoni tagħhom.

## B. L-10 Stejjer "You Tell"

| Titlu | Tema Ewlenija | Magħmula minn |
|---|---|---|
| 1. Id-Dizzjunarju tal-Biża' | Rispett | MMC |
| 2. Il-Vjaġġ tal-Annimali | Ħbiberija | MMC |
| 3. Il- Misteru tal – Qamar Mitluf : J'Alla jiddi fuqhom killha. | Diversità | Eurocircle |
| 4. Il-Gżira tal-Granċijiet Ħomor | Reżiljenza | Escola Sant Josep Aguilera |
| 5. Kika u Rixaħamra | Ħbiberija | Skola Primarja Apostolos Varnavas |
| 6. "L-Aktar Firefly Luminuża" — Storja dwar il-valur tar-rispett | Rispett | Ellinogalliki Scholi Jeanne D'Arc |
| 7. "Kif Nista' Ngħidlek Le Lilek?" — Storja dwar il-valur tal-limiti | Limiti | Ellinogalliki Scholi Jeanne D'Arc |
| 8. Rospo | Limiti | St Joseph Mater Boni Consilii |
| 9. Logħob dwar il-Ħajja u d-Dinja | Diversità | Mythos |
| 10. Is-Siġra tal-Ħarrub | Reżiljenza | Mythos |

*Tabella 1: Lista tal-Istejjer "You Tell"*

STORY CHANGERS

Enhancing Pupils' Social Skills and Enriching Teaching Methods through Storytelling and Virtual Reality

# The Heroes of our Stories



# 1. Id-Dizzjunarju tal-Biża'

| | |
|---|---|
| **Tema Primarja** | Rispett |
| **Tema Sekondarja** | Il-qari tal-kotba bħala metodu dejjiemi għall-akkwist tal-għarfien |

**Eżiti ta' Tagħlim**

*Matul l-istorja, it-tfal huma mistennija:*

- Jaqraw u jkollhom fehim bażiku ta' diversi forom ta' rispett
- Jitgħallmu dwar ir-rispett lejn opinjonijiet differenti
- Jitgħallmu dwar l-aċċettazzjoni u t-tħaddin tad-diversità
- Jitgħallmu dwar l-importanza li titkellem ma' ħaddieħor b'rispett
- Jitgħallmu l-valur tal-qari bħala mezz ta' divertiment u akkwist ta' settijiet ġodda ta' għarfien
- Jitgħallmu dwar l-importanza li l-apparati elettroniċi jintużaw b'moderazzjoni

**Grupp fil-Mira (Studenti)**

☐ $1^{el}$-$2^{ni}$ Sena tal-Iskola Primarja

☐ $3^{et}$-$4^{ba'}$ Sena tal-Iskola Primarja

☒ $5^{es}$-$6^{tt}$ Sena tal-Iskola Primarja

**Informazzjoni ġenerali dwar l-istorja**

- Storja fittizja
- L-istorja hija ispirata mill-ktieb "I Zografia tis Christinas" ("It-tpinġija ta' Christina"), miktub minn Evgenios Trivizas u l-istorja "Herman learns about respect", miktub minn Maria Kourbani.

**Taqsira**

Il-kotba fil-ħanut tal-kotba antik "The Foundation" tas-Sur Sam isiru ħajjin u jippruvaw jiskopru għaliex tant nies waqfu jaqraw il-kotba. Grupp ta' kotba kuraġġużi jiddeċiedu li jmorru fid-dinja esterna u jiskopru l-verità. Wieħed minn dawk il-kotba huwa Lex, dizzjunarju tal-biża' u dejjem irrabjat, li ma juri rispett lejn ħadd u jqis lilu nnifsu bħala ktieb superjuri. Matul l-avventura tal-grupp, Lex se jagħraf l-importanza kbira tar-rispett u eventwalment jiddeċiedi li jibdel l-attitudni tiegħu lejn l-oħrajn. Fl-aħħar nett, minkejja li l-bnedmin jużaw l-apparati elettroniċi b'mod eċċessiv, il-ħanut tal-kotba tas-Sur Sam jattira ħafna klijenti ġodda permezz ta' sensiela ta' avvenimenti, u għalhekk il-maġija tal-qari tal-kotba mhux se tieqaf teżisti.

# 2. Il-Vjaġġ tal-Annimali

| | |
|---|---|
| **Tema Primarja** | Ħbiberija |
| **Temi Sekondarji** | Kooperazzjoni<br>Rispett<br>Reżiljenza |

**Eżiti ta' Tagħlim**

*Matul l-istorja, it-tfal huma mistennija:*

- Jitgħallmu kif jaqsmu l-affarijiet mal-oħrajn
- Jitgħallmu jaħfru
- Jitgħallmu jsolvu d-differenzi ta' bejniethom b'mod paċifiku
- Jemmnu fil-ħbiberija
- Jitgħallmu jkunu altruwisti
- Jitgħallmu jkunu onesti ma' nies oħra
- Jitgħallmu jaċċettaw li kull persuna hija unika
- Jitgħallmu juru empatija
- Jitgħallmu jirrispettaw il-limiti, ix-xewqat, eċċ. ta' persuni oħra
- Jitgħallmu jgħinu u jappoġġaw nies oħra
- Jitgħallmu jikkollaboraw mal-oħrajn
- Jitgħallmu jgħixu flimkien

**Grupp fil-Mira (Studenti)**

☐ 1el-2ni Sena tal-Iskola Primarja

☐ 3et-4ba' Sena tal-Iskola Primarja

☒ 5es-6tt Sena tal-Iskola Primarja

**Informazzjoni ġenerali dwar l-istorja**

*L-istorja ġiet ispirata minn dan li ġej:*

Id-Dilemma tal-Qanfud

Id-dilemma tal-qanfud hija metafora dwar l-isfidi tal-intimità tal-bniedem. Tiddeskrivi sitwazzjoni li fiha grupp ta' qniefed jippruvaw joqogħdu qrib xulxin biex jisħnu meta jkun temp kiesaħ. Madankollu, meta jagħmlu dan, iweġġgħu lil xulxin bix-xewk iniggeż tagħhom, u għalhekk ikollhom jibqgħu mifrudin minn

| |
|---|
| xulxin. Għalkemm l-intenzjoni tagħhom hi li jkollhom relazzjoni reċiproka mill-qrib, dan jista' ma jseħħx, għal raġunijiet li ma jistgħux jevitaw. Arthur Schopenhauer ħoloq din il-metafora biex jiddeskrivi dak li huwa jqis bħala l-istat tal-individwu f'relazzjoni mal-oħrajn fis-soċjetà. Id-dilemma tal-qanfud tissuġġerixxi li minkejja r-rieda tajba, l-intimità tal-bniedem ma tistax isseħħ mingħajr ma ssir ħsara reċiproka sostanzjali, u dan jissarraf f'imġiba kawta u relazzjonijiet dgħajfa. Bid-dilemma tal-qanfud, huwa rrakkomandat li jkun hemm il-moderazzjoni fi kwistjonijiet mal-oħrajn kemm minħabba l-interess personali, kif ukoll minħabba l-kunsiderazzjoni għall-oħrajn.<br><u>Henry (2015, Filmat qasir - Realtà Virtwali)</u><br>Henry huwa qanfud li m'għandux ħbieb minħabba li jħobb jgħannaq lil kulħadd. Fil-film, Henry jidher f'daru f'għeluq sninu, imdejjaq li jinsab waħdu għalkollox. Huwa jixgħel ix-xemgħa ta' fuq il-kejk, jagħmel xewqa u jonfħilha. Imbagħad grupp ta' bżieżaq fil-forma ta' annimali jingħataw il-ħajja u jibdew itiru fil-kamra. Henry ħerqan jara l-annimali bżieżaq, u waħda minnhom tavviċina lil Henry u tipprova tgħannqu. Hekk kif Henry jgħannaqha, il-bużżieqa tisplodi. Il-bqija tal-bżieżaq, imbeżżgħin, joħorġu mid-dar u jħallu lil Henry waħdu. Xi ftit mumenti wara, jerġgħu jiġu u jġibu magħhom fekruna. Il-fekruna tgħannaq lil Henry mingħajr ma tweġġa' bix-xewk tiegħu u Henry jerġa' jkun kuntent mill-ġdid. |
| **Taqsira**<br>Fuq il-Pjaneta tal-Annimali, il-Kumitat tal-Għorrief jiddeċiedi li jassenja lit-Tim tal-Magħżulin jivvjaġġa lejn il-Kontinent l-Aħmar. Fost il-magħżulin hemm il-qanfud, li qed isibha diffiċli jaġġusta għat-tim. Se jaċċetta l-ħbiberija tal-kastur jew se jibqa' waħdu matul il-vjaġġ? |

# 3. M'hemmx li tiddi fuqhom kollha: Il-Misteru tal-Qamar Nieqes

| **Tema Primarja** | Diversità |
|---|---|
| **Tema Sekondarja** | Ħbiberija |

**Eżiti ta' tagħlim**

*Matul l-istorja, it-tfal huma mistennija:*

- Jagħrfu l-eżistenza tal-preġudizzji u l-impatt tagħhom fuq is-soċjetà u, b'mod aktar ġenerali, fuq il-perspettiva dinjija tagħna
- Jħeġġu lill-istudenti jqajmu dubji dwar il-preġudizzji u l-isterjotipi
- Jagħrfu l-importanza u r-rikkezza tad-diversità
- Jkunu kapaċi jagħrfu l-importanza li jaraw lil hinn mill-wiċċ u d-dehra
- Jifhmu l-importanza li taqsam u li tikkollabora ma' ħaddieħor
- Jkunu kapaċi jaraw ir-rikkezza li tista' tinstab fil-ħbiberija u f'relazzjonijiet diversi
- Jħeġġu r-reżiljenza u l-perseveranza

**Grupp fil-Mira (Studenti)**

☐ 1el-2ni Sena tal-Iskola Primarja

☒ 3et-4ba' Sena tal-Iskola Primarja

☒ 5es-6tt Sena tal-Iskola Primarja

**Taqsira**

L-istorja tirrakkonta l-istorja ta' Sheila, il-lupu, u Fred, iż-żring modern u l-avventura tagħhom biex isolvu l-misteru tal-qamar nieqes. Fil-wied fejn isseħħ l-istorja, iż-żringijiet u l-ilpup ma jmorru tajjeb xejn affattu flimkien u għandhom preġudizzji kbar kontra xulxin. Anke l-imħabba li t-tnejn għandhom lejn il-mużika hija raġuni għal nuqqas ta' qbil, u n-nuqqas ta' grazzja li għandhom lejn xulxin iwassalhom biex iġibu fix-xejn l-organizzazzjoni tal-kunċert Moonlight. It-tfittxija tal-eroj se tħeġġiġhom jagħrfu li għandhom ħafna aktar komuni milli jaħsbu u dan se jagħmilhom ħbieb għal dejjem.

# 4. Il-gżira tal-granċijiet ħomor

| | |
|---|---|
| **Tema Primarja** | Reżiljenza |
| **Tema Sekondarja** | Ħbiberija |

**Eżiti ta' tagħlim**

*Matul l-istorja, it-tfal huma mistennija jitgħallmu:*

- Jkollhom attitudni pożittiva
- Jkunu jistgħu jirregolaw l-emozzjonijiet
- Jkunu kapaċi jaraw l-avversità bħala opportunità biex jitgħallmu u jikbru
- Jkunu lesti jieħdu azzjoni
- Jiksbu u jkunu jistgħu japplikaw ħiliet ta' soluzzjoni għall-problemi
- Jżommu l-ħbieb u r-relazzjonijiet li jistgħu jipprovdulhom appoġġ
- Jkunu lesti jaċċettaw l-għajnuna

**Grupp fil-Mira (Studenti)**

☒ 1el-2ni Sena tal-Iskola Primarja

☒ 3et-4ba' Sena tal-Iskola Primarja

☒ 5es-6tt Sena tal-Iskola Primarja

**Taqsira**

Martí huwa granċ aħmar mill-gżira Christmas. Il-ħolma tiegħu hija li jsir l-aqwa astronawta. Iżda jum li kien speċjali ħafna għalih (lejl wieħed li fih ikun jista' jara stilel enormi fis-sema), huwa l-istess jum u ħin meta l-granċijiet ħomor kollha jaqsmu l-gżira biex imorru x-xatt. Huwa se jkollu jiddeċiedi kif jimmaniġġja din is-sitwazzjoni bl-għajnuna ta' Roc u Tina, tnejn minn sħabu tal-iskola.

# 5. Kika u Rixaħamra

| | |
|---|---|
| **Tema Primarja** | Ħbiberija |
| **Tema Sekondarja** | Il-ġlieda kontra l-isterjotipi |

**Eżiti ta' tagħlim**

*Matul l-istorja, it-tfal huma mistennija jitgħallmu:*

- Jappoġġaw lil sħabhom
- Kif isolvu l-kunflitti tagħhom
- Jaċċettaw id-diversità
- Jagħrfu l-isterjotipi

**Grupp fil-Mira (Studenti)**

☒ 1el-2ni Sena tal-Iskola Primarja

☒ 3et-4ba' Sena tal-Iskola Primarja

☐ 5es-6tt Sena tal-Iskola Primarja

**Taqsira**

F'razzett kbir biswit mergħa ħadra, kienu jgħixu bosta tiġieġ mal-flieles tagħhom. Is-Sur Kikiriko huwa s-serduq ħotbi iswed tar-razzett li jżommhom kollha sikuri. Kika u Rixaħamra qasmu ma' xulxin is-sigrieti u l-ħolm tagħhom u appoġġaw lil xulxin fi kwalunkwe diffikultà li ħabbtu wiċċhom magħha. Kike sabiħa ħafna u tixtieq tkun żeffiena prima. Redfeathered bla grazzja iżda għandha vuċi soda u trid tkun kantanta. Kulħadd fir-razzett jaħseb li dawn iż-żewġ tiġiġiet huma strambi u jiddieħak bihom. Kike u Redfeathered jixtiequ jħallu kollox warajhom u jsegwu l-ħolm li għandhom. Iżda l-ewwel iridu jsiru b'saħħithom u jegħlbu l-biżgħat li għandhom.

# 6. "L-aktar firefly luminuża" — Storja dwar il-valur tar-rispett

| | |
|---|---|
| **Tema Primarja** | Rispett |
| **Temi Sekondarji** | Il-Valur tal-ħbiberija<br>L-importanza tal-kollaborazzjoni u tal-għarfien personali |

**Eżiti ta' tagħlim**

*Matul l-istorja, it-tfal huma mistennija jitgħallmu:*

- Jifhmu l-valur li jirrispettaw lilhom infushom
- Jagħmlu għażliet li jippromwovu r-rispett lejhom infushom
- Jagħrfu meta jagħmlu għażla ħażina u jippruvaw jirranġaw azzjonijiethom
- Jifhmu li d-diversità mhijiex xi ħaġa li għandha tbeżżagħna iżda għandna nilqgħuha u nirrispettawha

**Grupp fil-Mira (Studenti)**

☒ 1el-2ni Sena tal-Iskola Primarja

☒ 3et-4ba' Sena tal-Iskola Primarja

☐ 5es-6tt Sena tal-Iskola Primarja

**Taqsira**

Fani hija firefly differenti ħafna mill-oħrajn u m'għamlitx ħbieb. Hija tiltaqa' ma' dubbiena bl-isem ta' Mavromatis, dubbiena għaqli u qalbu tajba. Isiru ħbieb u flimkien jiffaċċjaw ħafna sfidi. Matul dawn l-isfidi, Fani titgħallem kemm huwa importanti li tirrispetta lill-oħrajn u l-aktar, kemm huwa importanti li nirrispettaw lilna nfusna.

# 7. "Kif nista' ngħidlek le lilek?" — Storja dwar il-valur li jkollok limiti

| **Tema Primarja** | L-importanza tal-limiti fil-ħajja |
|---|---|
| **Temi Sekondarji** | L-importanza tal-kontroll fuqna nfusna u tat-teħid tar-responsabbiltajiet |

**Eżiti ta' Tagħlim**

*Matul l-istorja, it-tfal huma mistennija jitgħallmu:*

- Jifhmu l-valur tal-limiti
- Jagħmlu għażliet li jippromwovu l-kontroll fuqhom infushom
- Jagħmlu għażliet li juru responsabbiltà lejhom infushom u lejn l-oħrajn
- Jagħrfu meta jagħmlu għażla ħażina u jippruvaw jirranġaw azzjonijiethom
- Jagħrfu li l-għażliet kollha, tajbin jew ħżiena, jġibu magħhom il-konsegwenzi

**Grupp fil-Mira (Studenti)**

☒ 1el-2ni Sena tal-Iskola Primarja

☒ 3et-4ba' Sena tal-Iskola Primarja

☐ 5es-6tt Sena tal-Iskola Primarja

**Taqsira**

Tifel żgħir, Dimitris, ma jogħġbux il-fatt li l-ġenituri tiegħu, Pavlos u Maria jibqgħu jgħidulu "le". Għalhekk jixtieq li jieqfu jagħmlu dan. Tfeġġ kokka jisimha "Għerf" u tagħti xewqa lit-tifel. Dimitris issa jistaqsi u jagħmel dak kollu li jrid mingħajr ma l-ġenituri tiegħu jiċħduh f'xejn. Huwa jiddeċiedi li ma jagħmilx il-homework, li ma jmurx għand id-dentist, u li jixtri dak kollu li jixtieq. Huwa malajr intebaħ li meta jaġixxi mingħajr limiti u mingħajr kontroll fuqu nnifsu, jista' jkun hemm konsegwenzi serji.

# 8. Rospo

<table>
<tr><td>Tema Primarja</td><td>Limiti — immorru lil hinn mil-limitazzjonijiet tagħna u nirrispettaw il-konfini — il-biża' tagħna tista' tkun il-limitu tagħna</td></tr>
<tr><td>Temi Sekondarji</td><td>Nieqfu lill-bulijiet — u nirrispettaw lill-oħrajn</td></tr>
<tr><td colspan="2">Eżiti ta' Tagħlim<br>Matul l-istorja, it-tfal huma mistennija jitgħallmu:<br>• Il-valur tal-onestà u tar-rispett lejn l-oħrajn<br>• Jazzardaw immorru lil hinn mil-limitazzjonijiet tagħhom<br>• Kif għandhom jirrispettaw l-konfini<br>• Jagħrfu kemm huwa importanti li nieqfu lill-bulijiet<br>• Jirrispettaw lill-oħrajn</td></tr>
<tr><td colspan="2">Grupp fil-Mira (Studenti)<br>☒ 1el-2ni Sena tal-Iskola Primarja<br>☒ 3et-4ba' Sena tal-Iskola Primarja<br>☐ 5es-6tt Sena tal-Iskola Primarja</td></tr>
<tr><td colspan="2">Informazzjoni Ġenerali dwar l-Istorja<br>Il-ġganti (l-eroj u l-villani ta' din l-istorja) dejjem dehru fl-istejjer tradizzjonali Maltin. Calypso u Odysseus li suppost kienu jgħixu fuq il-gżira ta' Ogygia — illum Għawdex. Uħud mit-tempji f'Għawdex fil-fatt jissejħu Ggantija — li tfisser tal-ġganti. L-isfond jinsab ukoll f'villaġġ fost l-għoljiet — f'Għawdex hemm 3 għoljiet kbar u l-ġganti kienu jgħixu fl-għerien. Madwar Malta u Għawdex hemm bosta għerien u huwa magħruf li fl-imgħoddi dawn kienu jintużaw biex fihom jgħixu l-ġganti.</td></tr>
<tr><td colspan="2">Taqsira<br>Dawn il-ġganti għexu f'għerien skuri, fondi u umdi li kienu mħaffra fil-blat fil-belt ta' Noni. Hemmhekk għexu ġganti ta' kull tip u daqs. Uħud mill-ġganti kienu enormi, u oħrajn kienu ftit iżgħar. Ġgant partikolari kien dejjem ibbuljat. Il-prinċipessa tal-villaġ tinħataf mill-villan Petrusku — Rospo jiffaċċja għadd ta' deċiżjonijiet.</td></tr>
</table>

# 9. Logħob dwar il-Ħajja u d-Dinja

| | |
|---|---|
| **Tema Primarja** | Diversità |
| **Tema Sekondarja** | Ħbiberija |

**Eżiti ta' tagħlim**

*Matul l-istorja, it-tfal huma mistennija jitgħallmu:*

- Jaċċettaw id-diversità
- Juru empatija
- Jifhmu l-emozzjonijiet tagħhom u jkunu jistgħu jitkellmu dwarhom

**Grupp fil-Mira (Studenti)**

☐ 1el-2ni Sena tal-Iskola Primarja

☐ 3et-4ba' Sena tal-Iskola Primarja

☒ 5es-6tt Sena tal-Iskola Primarja

**Taqsira**

In-narratur tal-istorja ma jafx kif għandu jmur ma' Maryam li qiegħda fil-klassi tiegħu u li għandha ġilda skura.

# 10. Is-Siġra tal-Ħarrub

| | |
|---|---|
| **Tema Primarja** | Reżiljenza |
| **Tema Sekondarja** | Limiti |

**Eżiti ta' Tagħlim**

*Matul l-istorja, it-tfal huma mistennija jitgħallmu:*

- Kif ikunu kuraġġużi
- Biex jagħmlu l-pass li jmiss u jsibu l-kuraġġ ħalli jagħrfu l-iskop tal-ħajja

**Grupp fil-Mira (Studenti)**

☐ 1el-2ni Sena tal-Iskola Primarja

☐ 3et-4ba' Sena tal-Iskola Primarja

☒ 5es-6tt Sena tal-Iskola Primarja

**Taqsira**

Siġra tal-ħarrub li tgħix f'belt griża u maħmuġa tixtieq tmur post li jkollu aktar ħdura u siġar. Se jirnexxilha?

## C. Kif jintużaw l-Istejjer "You Tell"

# I. Kif għandhom jinqraw l-istejjer

*Skont l-età tal-istudenti, l-istejjer jistgħu*

- Jinqraw mill-għalliem quddiem il-klassi kollha
- Jinqraw mill-istudenti individwalment
- Jinqraw b'mod alternat — jew f'forma ta' reċta — mill-istudenti

# II. Mumenti ta' deċiżjoni

*F'kull mument ta' deċiżjoni*

- L-għalliem jista' jitlob lill-istudenti jivvotaw għall-għażla li jippreferu u jkomplu jaqraw il-fergħa tal-plott li l-maġġoranza tal-istudenti vvutaw għaliha
- L-istudenti jistgħu jagħmlu l-għażliet tagħhom b'mod individwali
- L-istudenti jistgħu jinqasmu fi gruppi, u l-għalliem jista' jitlob lill-gruppi jsegwu perkors differenti tal-istorja, sabiex l-istudenti mbagħad ikunu jistgħu jqabblu l-verżjonijiet differenti tal-plott

# III. Eżempji tal-attivitajiet fejn jintużaw l-istejjer

*Qabel ma tinqara l-istorja, l-għalliem jista':*

- Jistaqsi lill-istudenti diversi mistoqsijiet rilevanti għat-tema primarja tal-istorja
- Jistaqsi lill-istudenti jaqraw it-titlu tal-istorja u jippruvaw jaqtgħu dwar xiex inhi
- Jaqra l-ismijiet tal-karattri u jitlob lill-istudenti jimmaġinaw ir-rwol tagħhom fl-istorja

*Waqt li tkun qed tinqara l-istorja, l-għalliem jista':*

- Jitlob lill-istudenti jirreċtaw l-karattri differenti fl-istorja
- Janima l-istorja bl-użu ta' ħsejjes, mużika, żfin, eċċ.
- Jispjega d-differenzi bejn l-għażliet li jidhru f'kull mument ta' deċiżjoni (speċjalment b'rabta mat-tema tal-istorja)

*Wara li tinqara l-istorja, l-għalliem jista':*

- Jitlob lill-istudenti jaħsbu dwar jew jiktbu aktar mumenti ta' deċiżjoni jew għażliet li jistgħu jwasslu għal fergħat differenti ta' plott
- Jitlob lill-istudenti jiddiskutu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' kull għażla u l-fergħa tal-plott rispettiva
- Jitlob lill-istudenti joħolqu tpinġija, filmat, kanzunetta, poeżija eċċ. li jkunu mnebbħa mill-istorja
- Jitlob lill-istudenti jiktbu storja oħra dwar l-istess suġġett
- Jitlob lill-istudenti joħolqu storja oħra bil-karattri tal-istorja